# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 2269/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Carlo Baldacchino**

Illum 24 ta' April 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellat **Carlo Baldacchino**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 171383(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bħala direttur u għan-nom u/in rappreżentanza ta' Baldo Limited (C 53351) u/jew bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, waqt spezzjoni li seħħet fil-31 ta' Diċembru 2022 ġewwa Sky Club, Paceville, San Ġiljan, Malta, hu jew impjegati tiegħu jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħu:

1. naqas li jagħti jew jipproduċi riċevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali u/jew kotba ta' riċevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont il-kumpens lilu mħallas għall-avveniment NY3 – BEE ZIGGY BLADE li seħħ fil-31 ta' Diċembru 2022 ġewwa Sky Club, Paceville, San Ġiljan, Malta u dan bi ksur tal-partititi 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u Artikoli 51, 77(a) u (e), 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, timponi multa li ma tkunx inqas minn darbtejn it-taxxa perikolata, liema somma ma kellhiex tkun anqas minn € 15,159.66 u dan skont Artikolu 77 tal-imsemmi Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Frar 2025, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u b'hekk illiberatu minn kull piena u ħtija.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fis-17 ta' Marzu 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: "***tħassar u tirrevoka*** *s-sentenza billi ssib il-ħtija tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tal-istess Carlo Baldacchino, u tinfliġġi dik il-piena idonea u ġusta skont il-liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm, fost liema l-konsulent legali tal-appellat ressaq eċċezzjoni dwar kif il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti tmexxew minn Uffiċjal tal-Kummissarju tat-Taxxi u d-Dwana u mhux mill-Pulizija, liema eċċezzjoni ġiet irtirata permezz ta' Nota ppreżentata fid-9 ta' April 2025.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-19 ta' Frar 2025. Għal kull buon fini jingħad li din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjoni mressqa mill-appellat waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm u dana peress li, kif diġà ngħad aktar 'il fuq, din l-eċċezzjoni ġiet irtirata.

Illi dan il-każ jirrigwarda allegat bejgħ ta' biljetti għal avveniment li seħħ lejlet l-ewwel tas-sena 2023. Jidher li l-iSpetturi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud marru fuq is-sit fejn kien qiegħed iseħħ l-avveniment in kwistjoni u talbu sabiex jaraw il-biljetti. Meta raw il-biljetti fiżiċi u dawk li nbiegħu *online* irriżulta li allegatament din l-attivita' ma kinitx eżenti u li l-biljetti mibjugħa ma kienux akkumpanjati minn riċevuta fiskali.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex telenka ż-żewġ aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali huwa intitolat "Apprezzament żbaljat tal-provi". Dan l-aggravju huwa maqsum fis-segwenti:

- "Glen Farrugia bħala rappreżentant ta' Baldo Ltd": L-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li Glen Farrugia kien qed jaġixxi għan-nom tal-appellat allura imputat jew kellu rwol fil-kumpanija Baldo Ltd. Dwar dan jirreferi għal ispezzjoni magħmula mill-iSpetturi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li fil-31 ta' Diċembru 2022 ltaqgħu ma' Glen Farrugia li urihom *sample* tal-biljetti *online*. Ikompli li l-appellat tressaq quddiem l-Ewwel Qorti fil-kapaċita' tiegħu ta' direttur tas-soċjeta' Baldo Ltd u li dan jirriżulta mill-atti proċesswali. Ikompli li l-informazzjoni provduta setgħet tiġi provduta biss minn impjegat tas-soċjeta' in kwistjoni u persuna mhux impjegata tas-soċjeta' mhux ser tkun taf dettalji dwar is-

soċjeta' in kwistjoni. Itenni li Glen Farrugia kien fuq il-post u forna *sample* tal-biljett tal-avveniment. Jilmenta li kontra dak li qalet l-Ewwel Qorti dan mhux fatt ikkontestat. Jirreferi għax-xiehda tal-iSpetturi u li jindikaw li Glen Farrugia kien ġewwa l-*club* in kwistjoni u ikkoopera magħhom.

- "Glen Farrugia ma ġiex prodott bħala xhud": Hawnhekk l-appellant jilmenta dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ikkunsidrat li la darba Glen Farrugia ma tressaqx jixhed, il-komunikazzjoni permezz ta' *email* bejnu u bejn l-iSpetturi tat-Taxxa ma tistax tiġi awtentikata. Dwar dan jirreferi għal Dok. "DC 4" li ġie ppreżentat bil-ġurament mill-iSpettur tat-Taxxa Daryl Cachia u jgħid li huma vera kopja tal-oriġinal. Jisħaq li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddubitat dwar l-awtentiċita' tad-dokumenti in kwistjoni u li tali dokumenti kellhom jiġu kkunsidrati.

- "Il-preżenza tal-iSpetturi tat-Taxxa vis-à-vis il-bejgħ tal-biljetti": Hawnhekk l-appellant jilmenta dwar il-fatt li l-iSpetturi ma kienux preżenti għal bejgħ tal-biljetti u t-talba għal *samples* tagħhom. Dwar dawn ta' l-aħħar l-appellant jindika li l-iSpetturi kienu preżenti. Ikompli li dwar il-bejgħ l-iSpetturi ma setgħux ikunu preżenti minħabba li dawn il-biljetti kienu ilhom għal bejgħ.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa intitolat "Prova Reġina". L-appellant jilmenta dwar kif l-Ewwel Qorti spjegat li l-Prosekuzzjoni ma laħqitx il-grad ta' prova rikjest fil-kap kriminali. Jirreferi għal partita 2 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirreferi wkoll għal Dok. "DC 3" u Dok. "DC 4" fejn jirriżulta li l-irċevuta nħarġet fl-1 ta' Jannar 2023 u dana biss wara insistenza tal-uffiċjali stess. Ikompli li avveniment bħal dan ikun ilu għal bejgħ ferm qabel u jisħaq li għalhekk l-imġieba tal-appellat tmur kontra Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. B'riferenza għal Artikolu 77 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellant jissenjala li parti mill-imputazzjoni tirrendi bħala reat att fejn wieħed xjentement jonqos milli jagħti kont għal xi attivita' taxxabbli jew xi akkwist intra-komunitarju mwettaq minnu.

Jispjega li għalhekk huwa inutili li nħarġet riċevuta wara li seħħ l-avveniment minħabba li meta sar il-bejgħ ma kinitx qed tinħareġ riċevuta fiskali. Ikompli li l-bejjiegħ għandu obbligu joħroġ riċevuta u jista' jonqos milli jagħmel dan biss bl-approvazzjoni tal-Kummissarju. Fir-rigward tal-biljetti rilevanti jispjega li dawn ma jinkludux *exemption number*. L-appellant jirreferi għal Artikolu 82 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjest fil-kamp kriminali. Jargumenta li s-*samples* ipprovduti iġibu numru tal-VAT liema numru jinsab fl-irċevuta ipprovduta u eżebita. Jisħaq li dan in-numru jgħajjat lis-soċjeta' Baldo Ltd. Jgħid li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellat huwa wieħed mid-diretturi tas-soċjeta' in kwistjoni u li għalhekk ma jistax jeżimi ruħu mir-responsabilita'.

Illi b'riferenza għaż-żewġ aggravji hawn fuq imsemmija, din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat peress li taqbel miegħu hija tinnota li minkejja l-aggravji mressqa mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu jkun opportun li ssir riferenza għal fatt li fis-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu quddiem din il-Qorti, l-appellat jisħaq, fost l-oħrajn, li hu ma setax jinsab ħati ta' reat li ma sarx fit-termini temporali tal-imputazzjoni.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak imsemmi fil-paragrafu preċedenti mbagħad tipproċedi skont il-każ.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellat jargumenta li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha minħabba li l-imputazzjoni hija marbuta b'mod temporali mal-31 ta' Diċembru 2022. Jisħaq li ma tressqitx prova li l-bejgħ tal-biljetti sar f'dik id-data. Huwa jgħid li l-bejgħ tal-biljetti sar qabel l-*event*. L-appellat issotni li ma setax jinsab ħati ta' reat li ma sarx fit-termini temporali tal-imputazzjoni.

Illi din il-Qorti tinnota li l-imputazzjoni li biha ġie akkużat l-appellat allura imputat taqra hekk:

> "bħala direttur u għan-nom u/jew in rappreżentanza ta' Baldo Limited (C 53351) u/jew bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, waqt spezzjoni li seħħet fil-31 ta' Diċembru 2022 ġewwa Sky Club, Paceville, San Ġiljan, Malta, int jew impjegati tiegħek jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħek, inqast li tagħti jew tipproduċi riċevuta fiskali permezz ta' c*ash register* fiskali u/jew kotba ta' riċevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont il-kumpens lilek imħallas għall-avveniment NY3 – BEE ZIGGY BLADE li seħħ fil-31 ta'

> Diċembru 2022 ġewwa Sky Club, Paceville, San Ġiljan, Malta [...].” [emfażi miżjuda]

Illi minn qari ta' din l-imputazzjoni jirriżultaw s-segwenti elementi:

- ir-reat seħħ fil-31 ta' Diċembru 2022;

- ir-reat twettaq mill-appellat jew impjegati tiegħu jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħu u naqset li tagħti jew tipproduċi rċevuta fiskali;

- ir-reat huwa marbut mal-kumpens imħallas għall-avveniment NY3 – BEE ZIGGY BLADE li seħħ fil-31 ta' Diċembru 2022 ġewwa Sky Club, Paceville, San Ġiljan, Malta.

Illi minn qari tax-xiehda mogħtija minn Daryl Cachia (Spettur tat-Taxxa – *a fol.* 25 *et seq.*) jirriżulta li l-ispetturi ma vverifikawx meta inbiegħu l-biljetti. In fatti għad-domanda (*a fol.* 35):

> “Jiġifieri fl-ebda mument ma vverifikajt, fl-ebda mument ma verifikajt meta nbiegħu dawn it-*tickets*?”,

Cachia wieġeb hekk(*a fol.* 35):

> “Le”.

Illi mhux kontestat li l-irċevuta fiskali ġġib id-data tal-1 ta' Jannar 2023 li tiġbor il-bejgħ kollu tal-avveniment. Magħdud ma' dan din l-irċevuta iġġib id-data ta' wara l-avveniment u konsegwentement wara li sar il-bejgħ. Minkejja dan, imkien mill-atti proċesswali ma jirriżulta li fil-31 ta' Diċembru 2022 sar xi bejgħ ta' biljetti. Kieku kien hemm tali prova kien ikun evidenti li dawn inbiegħu mingħajr riċevuta. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta fis-sentenza appellata qalet hekk (*a fol.* 59 *et seq.*):

> "L-ispetturi tal-VAT li nvestigaw il-każ xehdu li wara li sar l-avveniment ikkorrispondew ma' ċertu Glen Farrugia, li ma ġiex ipprovat li kien qed jaġixxi għan-nom tal-imputat jew li għandu xi rwol fil-kumpanija Baldo Limited. Glen Farrugia ma ġiex prodott bħala xhud f'dawn il-proċeduri u għalhekk il-korrispondenza b'*email* li ġiet ippreżentata mill-Prosekuzzjoni ma ġietx awtentikata u kkonfermata mill-persuna li lilu kienet indirizzata. B'żieda ma' dan l-iSpetturi tal-VAT ma kienux preżenti la għal bejgħ ta' biljett fiżiku u l-anqas meta sar il-bejgħ ta' *online ticket* u talbu *sample*."

Illi minn dak li ngħad hawn fuq jirriżulta lil din il-Qorti li l-appellat huwa korrett fl-argument tiegħu meta jisħaq li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha minħabba li l-imputazzjoni hija marbuta b'mod temporali mal-31 ta' Diċembru 2022. B'hekk din il-Qorti ser tilqa' dan l-argument bil-konsegwenza li ma hemmx il-ħtieġa li tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-bqija li ngħad mill-appellat fis-sottomissjonijiet tiegħu u dwar l-aggravji mressqa mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |